# TRIBUNAL INDUSTRJALI

## Decizjoni Preliminari Numru 2712

**Kaz Numru 3925/20/AM**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Paul Cachia ID 227364M**

**u**

**Water Services Corporation u l-General Workers Union ghall-kull interess li jista' jkollha**

*dwar allegazzjoni ta' agir abbusiv u allegazzjoni ta' trattament diskriminatorju*

**Chairperson: Dr Anna Mallia LL.D., LL.M. (lond)., Dip.Tax (MIT)**

**Nhar il-Gimgha 19 ta' Frar, 2021**

It-Tribunal,

Ra l-verbal tas-seduta tat-22 ta' Jannar, 2021, li permezz tieghu l-partijiet qablu li ghandha tinghata decizjoni fuq it-tieni eccezzjoni tal-intimata General Workers Union u cioe li dan it-Tribunal ma ghandux kompetenza stante li r-rikorrenti huwa Ufficjal Pubbliku l-kompetenza hija tal-Public Service Commission.

Sema' l-partijiet jitrattaw din l-eccezzjoni fl-istess seduta.

**Ikkunsidra**:

Illi t-Tribunal Industrjali skond il-Kap 452 ghandu gurisdizzjoni specjali u limitata. Illi jirrizulta car minn din il-kwistjoni li l-odjerna kwistjoni ta' xoghol ma tikkoncernax kaz ta' tkeccija ngusta izda kaz ta' procedura dixxiplinari fil-konfront tar-rikorrent Paul Cachia fejn l-istess rikorrent qieghed jallega li saret ingustizzja mieghu.

Jirrizulta wkoll li r-rikorrent Paul Cachia huwa haddiem tal-Gvern.

Illi l-kwistjoni ta' kompetenza tat-Tribunal Industrijali hija elenkata fl-Artikolu 75 tal-kap 452.

Illi hemm diversi decizjonijiet dwar il-kompetenza tat-Tribunal Industrijali u dwar il-gurisdizzjoni esklussiva li ghandu t-Tribunal Industrijali. Fid-decizjoni, Karmenu Vella vs General Workers Union moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Settembru 2010 gie rilevat is-segwenti:

*"Ghandu jinghad li l-gurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali giet konferita bil-Kap 42 tal-Ligijiet ta' Malta b'deroga ghall-gurisdizzjoni generali tal-qrati ordinarji. Ghalhekk salv fil-kazijiet indikati fil-ligi stess, id-disposizzjonijiet tal-Kap 452 ma jistghux jigu interpretati b'mod wiesgha tant l jigu estizi sabiex jinkludu setghat li l-legislatur ma ndikax fil-ligi ghax ma riedx li dawn jidhlu fil-parametri tas-setghat tat-Tribunal. Fi kliem iehor il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali u s-setghat li ghandu huma dawk espressament indikati fil-ligi stess li stabbiliet il-parametri tal-operat tieghu. " ( kawza numru 774/2009/JZM Prim Awla 30 ta' Settembru 2010)*

Illi minn dan johrog car x'inhi l-intenzjoni tal-legislatur ghal dak li jikkoncerna l-poteri tat-Tribunal Industrijali. Illi fil-kaz in dezamini r-rikorrent qieghed jitlob lit-Tribunal sabiex jiddikjara li kien hemm agir abuziv fil-konfront tieghu u diskriminatorju tal-korporazzjoni u dan dejjem ghal dak li jirrigwarda skond hu il-kaz ta' dixxiplina fil-konfront tieghu skond ir-Regolamenti ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, dwar il-ftehim kollettiv u dwar il-ligi tal-Protezzjoni tad-Data, dan it-Tribunal huwa tal-fehma li l-kwistjoni li kellu r-rikorrent ma tinkwadrawx fil-parametri tal-Kap 452 . It-Tribunal Industrijali minn dak li hemm stipulat f'Kap 452 ma ghandux l-ebda setgha li jiddeciedi jew jissindika d-decizjoni tal-Korporazzjoni li r-rikorrent jidher quddiem Bord dixxiplinari.

Illi l-artikolu 75 tal-kap 452 jispecifika bl-aktar mod car x'inhi l-kompetenza jew il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali u cioe il-kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ngusta; u l-kazijiet kollha li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrjali bis-sahha tat-titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti tahtu, ghal kull ghan barra minn proceduri dwar reati kontra xi ligi u r-rimedju ta' haddiem hekk imkecci jew li mod iehor jallega il-ksur tad-dritt tieghu skont it-titolu I ta' dan l-Att ikun biss billi l-ilment tieghu jintbaghat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'ohra:

Illi din il-kwistjoni ta' xoghol ma hijiex dwar tkeccija ngusta u in oltre r-rikorrent qatt ma tkecca mix-xoghol tieghu. Il-Korporazzjni ghandha kull dritt li tadopera l-procedura li hija regolat biha s-Servizz Pubbliku u l-istess rikorrent ghandu wkoll id-drittijiet kollha li huma sanciti f'dawn il-proceduri interni cioe l-Kodici dwar l-Immaniggjar tar-Servizz Pubbliku (PSMC).

Inoltre ai termini tal-artikolu 80(2) tal-istess Kap, meta xi haga quddiem it-Tribunal tkun tolqot jew tkun dwar ufficjali pubblici t-Tribunal ghandu jastjeni milli jiehu konjizzjoni ta' kull haga li taqa' taht il-funzjonijiet ta' dik il-Kummissjoni.

Illi r-rikorrent qed jikkontendi li huwa qed jinvoka wkoll d-diskriminazzjoni bhala lanjanza ohra tieghu izda it-tielet talba tieghu tali lanjanzi ma hiex fil-konfront tal-employer tieghu izda tirrigwarda l-ftehim kollettiv bejn il-General Workers Union u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma.

Illi dwar din it-tielet talba tieghu tieghu r-rikorrent ghandu ragun jghid li din taqa' taht il-Kap 452 u Titolu 1 tal-Kap 452 jelenka trattament diskriminatorju dejjem jekk jirrizulta li tali ftehim kollettiv japplika fil-grad tieghu u bhala ufficjal pubbliku.

Illi dan it-Tribunal qed jaghmilha cara li din is-sentenza preliminari tirrigwarda l-eccezzjoni dwar proceduri quddiem il-Bord tad-Dixxiplina ai termini tal-PSMC u li dan kif jirrizulta mir-rikors tar-rikorrent u li minnhom huwa jista' jappella quddiem il-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku, u ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal Industrijali ma ghandu l-ebda setgha moghtija lilu mil-ligi sabiex jissindika dawn il-proceduri nterni li tikkoncerna ufficjal pubbliku.

Ghaldaqstant ghal dawn ir-ragunijiet, dan it-Tribunal qieghed jiddeciedi din il-kwistjoni ta' xoghol billi jilqa' t-tieni eccezzjoni tal-intimata General Workers Union u cioe li dan it-Tribunal ma ghandux kompetenza stante li r-rikorrent huwa Ufficjal Pubbliku l-kompetenza hija tal-Public Service Commission u jiddikjara li ma ghandux kompetenza sabiex jisma t-talbiet tar-rikorrent numru 1, 2, 4, 5, 6,7 ,u ghar-rigward it-talbiet numru 8, 9 u 10 limitatatament ghal dak li jirrigwarda l-agir abbuziv li jemani mir-regoli ta' dixxiplina u li izda dan it-Tribunal ghandu kompetenza jisma' t-talba numru 3 u t-talbiet numru 8, 9 u 10 limitatament kemm-il darba jinstab li dan it-Tribunal jaghti ragun lir-rikorrent fir-rigward tat-talba numru 3.

(Iffirmat)
**Dr Anna Mallia**
**Chairperson**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**

**Ghas-Segretarju**